MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 169/2003

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Billi l-konjugi B izzewgu fl-10 ta’ Ottubru 1987 u minn dan iz-zwieg twieldu D fil-5 ta’ Frar 1989, E fis-16 ta’ Settembru 1994 u F fit-13 ta’ Ottubru 1996.

Billi z-zwieg tkisser irrimedjabilment u ghalhekk il-hajja konjugali bejn il-konjugi m’ ghadiex iktar possibbli.

Billi b’ digriet tas-26 ta’ Novembru 2002 l-attrici giet awtorizzata tistitwixxi din il-kawza f’ isimha u f’ isem il-minuri.

Jghid il-konvenut ghaliex din il-Qorti m’ ghandhiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet;

2. Tassenja l-kura u kustodja tal-minuri, D, E, u F f’ idejn l-attrici;

3. Tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attrici dik is-somma li joghgobha tiffissa bhala manteniment ghaliha u ghall-minuri;

4. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti u gja ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida u tiddividi l-istess f’ porzjonijiet skond il-ligi u tiddikjara liema huma l-assi parafernali.

5. Tawtorizza l-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha G;

6. Tassenja d-dar konjugali lill-attrici;

7. Tapplika kontra l-konvenut l-artikoli 48, 51, 52 jew kull artikolu iehor applikabbli skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet prezentata mill-konvenut li biha eccepiet:

1. Fl-ewwel lok in-nullita’ tac-citazzjoni attrici in kwantu minn imkien mill-premessi ma tirrizulta l-“*causa causam*” ghas-separazzjoni mitluba fil-konfronti ta’ l-eccipjent;

2. Bla pregudizzju ghall-premess, kontra t-tielet talba tosta l-“*lis alibi pendens*” u dana peress li din tifforma parti minn talba identika bejn il-kontendenti gja’ pendenti quddiem din il-Qorti kif presjeduta u li ghadha “*sub judice*” (Citazz. 1304/02 RCP);

3. Bla pregudizzju ghas-suespost, l-attrici trid qabel xejn iggib il-prova li hija giet awtorizzata tistitwixxi din il-kawza “f’ isem il-minuri” (sic);

4. Illi dejjem bla pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu, it-talbiet kollha attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu dawn huma diretti kontra l-eccipjent u jekk iz-zwieg bejn il-partijiet “tkisser irrimedjabilment”, l-eccipjent certament ma ghandu ebda htija ghal dan l-istat ta’ fatt;

5. Illi l-agir ta’ l-attrici huwa principalment immirat biex jivvessa lill-eccipjent u fid-dawl tal-premess u dak li ghad jigi ppruvat, jekk ikun il-kaz, it-talbiet kollha kif dedotti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attrici.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Rat ir-relazzjonijiet[1] tal-perit arkitett l-AIC Valerio Schembri minnu debitament mahlufa;

Rat id-diversi rapporti prezentati minn haddiema socjali u esperti nominati;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Semghet lit-tlett minuri kameralment;

Ikkunsidrat;

**Separazzjoni Personali**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali “billi z-zwieg tkisser irrimedjabbilment u ghalhekk il-hajja konjugali bejn il-konjugi m’ ghadhiex aktar possibbli”; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

---

[1] Vol.II – fol.478 *et seq.* u Vol.III – fol.859 *et seq.*

Illi minn naha tieghu l-konvenut, wara li ssolleva eccezzjonijiet ta’ natura procedurali, li sussegwentement ma baqax jinsisti fuqhom, lanqas fin-nota ta’ l-osservazzjonijiet tieghu, cahad it-talbiet attrici “in kwantu huma diretti kontra l-eccepjent u jekk iz-zwieg bejn il-partijiet ‘tkissier irrimedjabbilment’ huwa certament m’ ghandu ebda htija ghal dan l-istat ta’ fatt.”[2]

**Kwadru tal-fatti**

Illi l-partijiet izzewwgu fl-10 ta’ Ottubru 1987 meta allura l-attrici kellha 20 sena u l-konvenut kellu 21 sena, u wara li kienu ilhom sena gharajjes. F’ dan iz-zwieg twieldu tlett-it tfal, D, E u F fil-5 ta’ Frar 1989, fis-16 ta’ Settembru 1994 u fit-13 ta’ Ottubru 1996.

Matul il-konvivenza matrimonjali, il-partijiet irriskontraw diversi problemi, bir-rizultat li fis-26 ta’ Lulju 2002 l-attrici, flimkien mat-tfal, telqet mid-dar konjugali u inizjalment marret tghix Merhba Bik, sakemm eventwalment sabiex post alternattiv fejn tabita.

Sussegwentement inqalghu problemi serji koncernanti t-tlett ulied minuri, bir-rizultat li llum dawn qed jghixu ma’ missierhom; u dan, nonostante li bid-digriet[3] moghti mill-Onorabbli Sekond’ Awla tal-Civili fl-20 ta’ Novembru 2002 il-kura u kustodja ta’ l-ulied kienet giet fdata lil ommhom l-attrici, bid-dritt tal-access favur il-missier.

*Verzjoni attrici*

Illi l-attrici tghid li “r-raguni tas-separazzjoni hija semplicement li l-konvenut kien konsistentement isawwatni”; u tispjega li sa minn qabel iz-zwieg il-konvenut, allura l-gharusa taghha kien jerfa’ idejh fuqha; izda hija xorta zzewwgitu peress li kienet temmen li biz-zwieg jinbidel; izda “kont zbaljata billi wara z-zwieg baqa’ jgholli jdejh fuqi u fil-fatt jiena tlaqtu l-ewwel darba meta D [it-tifel il-kbir] kellu sitt snin.” Tghid li wara z-zwieg “inbidel ghall-aghar u l-vjolenza zdiedet”[4].Sussegwentement, kienet hafritlu u regghet marret lura

[2] Fol.22
[3] Vol.I – fol.7
[4] Vol.I - fol.45 [affidavit ulterjuri]

tabita mieghu, izda “Kien zball. Baqa’ jerfa’ jdejh fuqi kemm-il darba, b’ rapporti jsiru diversi drabi l-Ghassa ta’ Birkirkara, u jiena dejjem nahfer. Spiccajt tlaqt mid-dar darbtejn ohra, u hfirtlu, sakemm tlaqt disa’ xhur ilu wara li kien rega’ refa idejh fuqi bi vjolenza. Fil-fatt fis-26 ta’ Lulju [2002], mort id-dar Merhba Bik”[5]. Hija tghid li il-konvenut kien refa’ jdejh “ripetutament” fuq it-tfal.

L-attrici tispjega li “Hafna mill-argumenti kienu jkunu fuq flus. Huwa kien dejjem ihallini nieqes mill-flus. Ghalkemm konna komdi, huwa lanqas kien jaghtini bizzejjed biex nixtri l-bzonnijiet tal-familja”

Illi l-versjoni ta’ l-attrici ssib konfort fix-xhieda tal-genituri taghha u ta’ huha, u b’ mod partikolarli fl-affidavit taz-zija taghha Suor Giovannita Briffa li, inter alia, ikkonfermat li l-konvenut kien <u>ammetta maghha</u> “gieli refa’ idejh fuqha, pero’ kien qalli li kien ghamel hekk ghax A kienet ittellaghhomlu.”[6] Tghid ukoll li t-tfal kienu jmorru l-iskola b’ xi tbengil, u f’ okkazzjoni minnhom it-tifel il-kbir kien stqarr maghha li missieru kien sawtu.

Grad ta’ sostenn lill-versjoni attrici tinsab fir-rapporti maghmula minnha lill-pulizija fis-19 ta’ Awissu 1999[7] u fil-5 ta’ Dicembru 2001[8]; u ta’ certu relevanza huwa r-rapport maghmul fl-10 ta’ Gunju 2000 li konsegwenza tieghu l-konvenut accetta li jmur ghall-assistenza medika fl-isptar Monte Carmeli.[9] Anke d-depozizzjonijiet ta’ Suor Margaret Gonzi[10] u tal-Haddiema Socjali Marlyne Savona[11] jsostnu t-tezi ta’ vjolenza da parti tal-konvenut fil-konfront ta’ martu.

*Verzjoni konvenut*

Illi l-konvenut jsostni li l-attrici kienet volontarjament abbandunat id-dar konjugali peress li “waqt iz-zwieg A B kellha relazzjoni extra maritali ma’ terza persuna u

---

5 Vol.II – fol.27 [affidavit]
6 Vol.I – fol.287 *et seq.*
7 Ibid. – fol.106
8 Ibid. – fol.98
9 Ibid – fol.99
10 Ibid. – fol.322 *et seq.*
11 Ibidl.- fol.327 *et seq.*

konsegwentement kienet skomda tghix mal-familja."[12] u, skond il-konvenut, kien "wara li telqet hija bdiet tallega li hija kienet imsawta"[13], liema allegazzjoni tinsab michuda minnu.

Fl-affidavit[14] ulterjuri tieghu, il-konvenut, filwaqt li jkompli jichad li hu kien jerfa' jdejh fuq martu, jghid li l-attrici "minn dejjem kienet supperva u aggressiva" u kienet tiggieled u tippika mieghu. Huwa kompla jishaq fuq il-fatt allegat minnu li matul il-konvivenza matrimonjali, l-attrici kellha relazzjoni adultera, u jsemmi zewg episodji, fejn fl-ewwel wiehed irrakkonta x' kien qallu t-tifel il-kbir rigwardanti t-tabib tal-familja, u t-tieni wiehed li jikkoncerna konverzazzjoni telefonika bejn ohtu u terza persuna li saret wara li l-attrici kienet telqet mid-dar matrimonjali.

Fid-depozizzjoni[15] tieghu, il-konvenut qal dak li kienu rrakkontawlu tnejn minn uliedu, dwar x' kienu raw lill-ommhom taghmel ma terza persuna, ghal habta ta' Novembru 2002 meta l-attrici ma kienetx baqghet tghix ghand is-sorijiet, izda kienet qeda toqghod Ghawdex.

Il-konvenut jichad li matul il-konvivenza matrimonjali huwa kien ihalli lil martu fil-bzonn; u jghid li l-flus li kien idahhal hu kienet tamministrahom hi, u kull ma riedet dejjem xtratu.

Illi l-verzjoni tal-konvenut issib grad ta' konfort fix-xhieda ta' ommu[16] u ta' ohtu[17]. Dawn jiddeskrivu lill-attrici bhala "supperva hafna" u "aggressiva" u "ta' spiss hija kienet tghajjat u tinsulenta" lill-konvenut li gie deskritt mit-tnejn bhala "ragel mans u kwiet".

Illi f' affidavit ulterjuri[18], il-konvenut xehed dwar incident li sehh fil-11 ta' Marzu 2004 ghal habta tat-3.00 am fejn

---

[12] Ibid. – fol.33
[13] Ibid. - sottolinear tal-Qorti
[14] Ibid. – fol.305 *et seq.*
[15] Vol.II – fol.470 *et seq.*
[16] Vol.II – fol.300 *et seq.*
[17] Ibid. – fol.303 *et seq.*
[18] Ibid. – fol.520 u 558. Jigi osservat li, ghalkemm ma jirrizultax li l-kontro parti kienet giet formalment notifikata b' dan l-affidavit u bir-ritratti annessi,

huwa ssorprenda lill-attrici fil-kumpanija ta' ragel ta' eta' zghira meta kienu ghadhom kemm hargu minn stabbiliment ta' divertiment f' Paceville. Huwa gibed sitt ritratti li jinsabu ezebiti in sostenn tat-tezi tieghu li martu kienet qed tkun infidil lejh, anke wara li telqet mid-dar konjugali. Dawn ir-ritratt, senjatament il-hames wiehed, li juri l-intern tal-vettura li kienet biha l-attrici dak in-nhar, jaghtu konfort qawwi lil din it-tezi.

Jigi osservat li ma saret ebda talba da parti ta' l-attrici sabiex hi tigi awtorizzata tixhed dwar dan l-incident, izda llimitat it-talba taghha ghall-isfilz tad-dokumenti. Sussegwentement, talbet u ottjeniet, awtorizzazzjoni sabiex tressaq affidavit ta' terza' persuna dirett biex tipprova infedelta' konjugali da parti ta' zewgha, wara s-separazzjoni de facto.

Illi fl-ahhar stadju tal-proceduri, xehdet Mary Rose Mifsud[19] li stqarret li fit-23 ta' Gunju 2003 hija kienet bdiet tohrog mal-konvenut, kollega taghha tax-xoghol, u din ir-relazzjoni damet sentejn sakemm skopriet li l-konvenut kellu relazzjoni ma' mara ohra. Ix-xhud tghid li r-relazzjoni taghha mal-konvenut "tant kienet intima, kienet anke sesswali, konna; ir-relazzjoni kienet daqs li kieku [konna] mizzewwgin." Ix-xhud issemmi zewg nisa ohra hbieb tal-konvenut. Fl-istess udjenza l-kawza thalliet ghas-sentenza, u ma saret ebda talba da parti tal-konvenut sabiex jigi awtorizzat jirrabatti din ix-xhieda.

Konsiderazzjonijiet ulterjuri tal-Qorti;

Illi Qorti, wara ezami akkurat tal-provi akkwiziti, taccetta bhala veritiera l-verzjoni attrici li l-konvenut kien vjolenti maghha matul il-konvivenza matrimonjali, liema

---

jirrizulta mill-atti li dawn gew a konjizzjoni ta' l-attrici, tant li b' rikors prezentat fit-3 ta' Settembru 2004, hija kienet talbet, minghajr success, l-isfilz taghhom; u l-Qorti b' digriet tal-24 ta' Settembru 2004 kienet ordnat l-izfilz "limitatament ghall-affidavit ta' Grace Gatt." [fol.604 et seq.] Vide ukoll digret fuq rikors ulterjuri a fol.923.

[19] Vol.IV – fol.1030 *et seq.*

allegazzjoni ssib sostenn principalment fil-fatt li sa minn Novembru 1996 l-attrici kienet telqet ghal xi zmien mid-dar konjugali u sabet rifugju fis-shelter Merhba Bik; u ghalkekk ukoll tinsab newtralizzata l-affermazzjoni tal-konvenut li l-allegazzjoni ta' swat bdiet "wara li [l-attrici] telqet" mid-dar konjugali f' Lulju 2002. Il-Qorti hi tal-fehema li l-attrici kienet kostretta titlaq mid-dar konjugali minhabba komportament vjolenti u dominanti da parti ta' zewgha fil-konfront taghha.

Izda l-provi juru wkoll li, wara li l-attrici telqet mid-dar konjugali, hija kkommettiet adulterju kif jirrizulta mir-ritratti ezebiti rigwardanti l-incident li sehh fil-11 ta' Marzu 2004 ghal habta tat-3.00 am. Anke minn naha tal-konvenut jikkonfigura l-adulterju, kif jirrizulta mix-xhieda, mhux kontraddetta, ta' Mary Rose Mifsud li maghha huwa kellu relazzjoni adulteruza ghal circa sentejn.

Ferm il-premess, il-Qorti hija tal-fehema li t-talba ghas-separazzjoni personali bejn il-partijiet hija gustifikata bi htija taz-zewg partijiet; stante li l-konvivenza matrimojali ta' bejniethom giet reza mpossibbli bis-sevizzi da parti tal-konvenut fil-konfront ta' l-attrici, kif ukoll bl-adulterju da parti taz-zewg partijiet, fit-termini ta' l-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; bir-rizultat li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

**Kura u Kustodja**

Illi ma hemmx dubju li dan hu l-aktar aspett kontestat mill-partijiet f' din il-kawza; kif jixhdu wkoll id-diversi rapporti li saru fir-rigward.

*Fatti*

Illi permezz ta' digriet moghti mill-Onorabbli Sekond Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Novembru 2002, il-kura u kustodja tal-minuri E u F giet fdata lill-attrici ommhom, filwaqt li dik tal-minuri D kienet giet fdata lill-konvenut missieru – bl-access rispettiv tal-partijiet.

Jirrizulta li mill-bidunett inqalghet problema fis-sens li l-minuri E ma riedx jirritorna lura ghand ommu, u ried jibqa' jghix ma' missieru. B' nota prezentata fit-23 ta' Mejju

2003 mill-haddiema socjali Therese Micallef u Markaren Galea, allura addetti ma' l-agenzija Appogg, nominata b' digriet appozitu biex tirrelata dwar is-sitwazzjoni, dawn informaw il-Qorti li l-imsemmi minuri kien qed juri "reziztenza qawwija" li jmur lura ghand ommu, u osservaw li "E ghandu relazzjoni tajba ma' missieru, b' dan li huma tal-fehema li fil-kaz li l-minuri jirritorna ghand ommu, hu ser isofri disturb psikologiku."[20] u konsegwentement irrakkomandaw li fl-ahjar interess tal-minuri dan jibqa' ghall-mument jghix ma' missieru. Izda b' rapport ulterjuri prezentat fil-5 ta' Gunju 2003, l-istess haddiema socjali kienu rrakkomandaw li l-istess minuri jerga' jmur jghix ma' ommu skond id-digriet precitat, filwaqt li l-familja kollha tattendi ghal psychological assessment, u l-access isir taht supervizjoni.

Illi fl-udjenza tal-24 ta' Gunju 2003[21] il-partijiet kienu qabblu dwar il-modalita' ta' l-access favur l-omm ghall-minuri D u E, u li ghandu jsir monitoring mill-agenzija.

Illi b' nota prezentata fit-2 ta' Settembru 2003 mill-imsemmija Therese Micallef, l-agenzija nformat il-Qorti li l-partijiet kienu qabblu li t-tfal jghixu ma' missierhom, filwaqt li l-omm ikollha access ghalihom. L-attrici hadet din id-decizjoni fil-kuntest deskritt minnha hekk: "illi hija ghajjiet tiggieled ghal uliedha, u ma felhitx aktar l-imgieha tat-tlett minuri, b' dan illi, ghalhekk hija tat il-minuri lil C B sabiex huwa wkoll ikun jaf x' jigifieri trabbi tlett-it tfal." u di piu' informat lill-istess haddiema socjali li "uliedha ghandhom imorru biss [ghal-access] jekk verament ikunu jridu jqattghu hin maghha, minghajr ma jaghtuha aktar problemi." Konsegwentement gie rakkomandat li t-tlett ahwa minuri jibqghu jghixu ma' missierhom, bl-access ghal ommhom "skond il-ftehim milhuq bejn il-partijiet."[22]

Illi sussegwentment f' Ottubru 2003 l-attrici nformat il-Qorti li t-tfal qed jirrifjutaw illi jkellmuha[23]; filwaqt li l-konvenut f'

---

20 Vol.I – fol.33
21 Vol.I – fol.46
22 Vol.I – fol.62 *et seq.*
23 Ibid – rikors fol.312

Novembru 2003 sostna li "it-tfal dejjem irrifjutaw illi jmorru ma' l-intimata u ghal ebda raguni ohra."[24]

Illi b' digriet moghti minn din il-Qorti [diversament presjeduta] fl-udjenza tat-18 ta' Frar 2004, il-Qorti, wara li esprimiet il-preokkupazzjoni taghha bis-sitwazzjoni fejn "l-omm m'ghandhiex access dicenti minkejja d-digriet vigenti" nnominat lil haddiema socjali Therese Micallef bhala "legal guardian" tat-tfal u lill-Avukatessa Dottor Anna Malli bhala Avukat ta' l-istess minuri.[25]

Illi fir-rapport[26] prezentat minn dawn iz-zewg esperti gudizzjarji fil-25 ta' Marzu 2004, jirrizulta li s-sitwazzjoni f' dak iz-zmien kienet li, filwaqt li l-missier qed jghix mat-tlett ulied fid-dar matrimonjali bil-kumditajiet kollha, l-omm kienet qeda tghix go post sub standard u li ma kienx adegwat sabiex jghixu t-tfal maghha. L-esperti osservaw li t-tfal kollha ghandhom rabja ghal ommhom minhabba dak li kienu raw jew li gie rakkontat lilhom; izda osservaw li E u D "ma oggezzjonawx li jibdew jaraw lil ommhom." Fic-cirkostanzi rrakkomandaw li peress li "ghalissa t-tfal iridu jibqghu mal-missier" u minhabba r-rabja li ghandhom lejn ommhom, isiru sezzjonijiet ta' family therapy ma' Carmen Delicata bil-ghan li tinbena relazzjoni tajba ma' l-omm, u tigu fissata l-modalita' ta' l-access. Sar rapport ulterjuri fl-24 ta' Mejju 2004.[27]

Illi, minkejja li b' digriet moghti fl-24 ta' Settembru 2004 gie moghti access lill-attrici kull nhar ta' Erbgha mill-4.30 pm u kull nhar ta' Sibt jew Hadd mill-10.00 am sas-7.00pm, l-attrici b' rikors prezentat fil-5 ta' Ottubru 2004[28] informat il-Qorti li meta kienet marret sabiex tigbor it-tfal ghall-access hija gie aggredita mit-tifel D [15 sena] u sofriet griehi ta' natura hafifa, u li kien hemm wkoll tghajjr mit-tfal l-ohra.

Illi fit-2 ta' Gunju 2005 l-istess esperti pprezentaw rapport ulterjuri, u fl-istess udjenza l-Qorti semghet ix-xhieda ta' l-

---

24 Vol.II – rikors fol.381
25 Ibid. fol.476
26 Ibid. fol.509 *et seq.*
27 Ibid. fol.576 *et seq.*
28 Ibid. fol.617

Avukatessa Anna Mallia.[29] Jirrizulta li s-sitwazzjoni tat-tfal hzienet fis-sens li r-rabja lejn ommhom baqghet tissussisti b' mod li qed jirrifjutaw li jaraw lil ommhom; di piu' skond dan ir-rapport, it-tifel il-kbir "kellu kaz ta' molestja sesswali fuq it-tifla tal-partner tal-missier." L-esperti rrapportaw li z-zewg partijiet ghandhom il-partner taghhom.

Illi b-nota[30] prezentata mill-Agenzija fit-3 ta' Ottubru 2005, il-Qorti giet informata li "l-access that supervizjoni beda jigi ezercitat fit-30 ta' Settembru 2005" bil-modalita' hemm indikata.

Izda b' nota prezentata fid-9 ta' Frar 2006[31] il-Qorti giet informata li "l-imsemmi access kellu jieqaf f' Jannar 2006, wara li l-minuri wrew rezistenza kbira li jibqghu jattendu ghas-sezzjonijiet relattivi, [u] effettivament il-minuri rrifjutaw bl-aktar mod kategoriku li jkellmu lil ommhom." Fl-istess nota gie osservat li "il-fatt illi l-minuri kienu qed jigu sfurzati jaraw lil ommhom kien qed ikun ta' detriment serju ghall-istess minuri, u sahansitra ta' perikolu."

Konsegwentement din il-Qorti f seduta appozita mizuma fil-21 ta' Frar 2006 semghet ix-xhieda tal-haddiema socjali Maria Camilleri, tas-supervisor ta' l-access visits Jenny Lynn u tal-Psikologa Mireille Vila; bil-ghan li tkun fil-pozizzjoni li tiehu provvediment dwar dak sollevat mill-Agenzija fl-imsemmija nota; u b' digriet moghti fis-6 ta' Marzu 2006 din il-Qorti [kif presjeduta] ddecidiet li "fl-interess tal-minuri, tordna li f' dan l-istadju l-access ghall-attrici jigi sospiz, stante li kull impozizzjoni f' dan ir-rigward fuq il-minuri hija nutili, kontro produttiva u detrimentali ghall-istess minuri."[32]

Illi l-haddiema socjali Maria Camilleri halfet ir-rapport taghha, tax-xohgol ta' monitoring, fid-29 ta' Marzu 2006.[33] Din ikkonfermat li r-rabbja li t-tfal ghandhom fil-konfront ta' ommhom qed tinblokka l-izvilupp ta' relazzjoni maghha; u

---

[29] Ibid. fols.651 - 678
[30] Ibid. fol.710
[31] Ibid. fol.790
[32] Ibid. - Fol.791
[33] Ibid. fol.848 *et seq.*

gie rakkomandat li l-minuri jinghataw terapija bikex jaccettaw ikellmu lil ommhom.

Illi peress li din il-Qorti, kif diga' esprimiet zmien ilu, tinsab preokkupata bis-sitwazzjoni attwali fejn il-minuri qed jirrifjutaw li jkollhom kuntatt ma' ommhom, hasset il-htiega li *ex officio*, u fl-interess tat-tfal, li fis-26 ta' Gunju 2008, u allura fl-istadju finali tal-kawza, tinnomina psikologa bil-ghan li tigi esplorata l-possibilita' li l-minuri jigu mgieghla li jattendu ghall-access ma' ommhom, anke taht supervizjoni; kemm-il darba din is-sitwazzjoni ma tkunx ta' detrimiment ghall-istess minuri; u nnominat ghal dan l-iskop il-Psikologa Carmen Sammut li sa dan l-istadju ghada estraneja ghall-kaz.

Illi fir-rapport taghha, din il-psikologa rrakkomandat li "l-access jigi sospiz ghal ftit. Jidher bic-car li l-access sforzat johloq aktar rabja u forma ta' pika fit-tfal, u tkompli tikber il-firda li gja hemm f' din il-familja …. [u] li din is-ssospensjoni ssri bil-kundizzjoni li l-minuri jiehdu l-ghajnuna professjonali li ghandhom bzonn, u li din il-kundizzjoni ma tkunx negozzjabbli u volontarja .."

Fid-dawl tal-premess, u tenut kont ta' l-interess primarju tat-tfal minuri, din il-Qorti qed taddotta r-rakkomandazzjoni mressqa mill-Psikologa Carmen Sammut, u konformament tordna li l-access ta' l-omm ghal minuri jigi sospiz bil-kondizzjoni li l-missier jiehu t-tfal ghat-terapija biex tigi ristabbilita r-relazzjoni bejn l-attrici u t-tfal taghha; u ghal dan il-ghan tinnomina lill-Psikoterapista Daniel Mercieca , li ghandu jirraporta lil din il-Qorti b' nota meta t-tfal ikunu fil-posizzjoni li jkollhom l-access ma' l-omm u dan ghas-spejjez taz-zewg partijiet. Takkorda lill-konvenut il-kura u kustodja tat-tlett minuri.

**Manteniment**
In propositu jigi osservat li bil-komportament taghhom iz-zewg partijiet iddekadew mid-dritt li jitlobu manteniment minghand xulxin b' applikazzjoni ta' l-artikolu 48, b' referenza ghall-artik olu 38 tal-Kap.16.

Inoltre, kull pretensjoni li tirrigwarda manteniment tinsab rizoluta bil-ftehim raggjunt mill-partijiet fl-udjenza tal-25 ta' Mejju 2004 fejn il-partijiet qabblu wkoll li mhux ser jitlobu manteniment minghand xulxin.

**Komunjoni ta' l-akkwisti**
Illi, kif jirrizulta minn noti prezentati miz-zewg partijiet, l-assi principali tal-komunjoni jikkonsistu f'diversi mmobbli, u xi effetti mobbli[34]; u precizament is-segwenti:

*Immobbli*
Kif jirrizulta mir-relazzjoni[35] tal-perit gudizzjarju l-AIC Valerio Schembri, din tikkonsisti fis-segwenti:

[A] Il-fond numru <indirizz>, inkluz il-garage adjacenti, stmat erbgha mija u hamsa u sittin elf, tmien mija u erbgha u sebghin Ewro u tmienja u sittin ewro centezmu [€465,874.68] ekwivalenti ghal mitejn elf lira Maltin [LM200,000];

[B] Il-fond numru <indirizz>, stmat mija disgha u tletin elf, seba' mija u tnejn u sittin Ewro u erbghin ewro centezmu [€139,762.40] ekwivalenti ghal sittin elf lira Maltin [LM60,000];

[C] Il-fond numru <indirizz>, stmat sitta u erbghin elf, hames mija u sebgha u tmenin Ewro u sebgha u erbghin ewro centezmu [€46,587.47] ekwivalenti ghal ghoxrin elf lira Maltin [LM20,000];

[D] Il-fond numru <indirizz>, stmat hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin Ewro u sebgha u tmenin ewro centezmu [€11,646.87] ekwivalenti ghal hamest elef liri Maltin [LM5,000];

[E] Il-fond numru <indirizz>, stmat erbgha u tletin elf, disa' mija u erbghin Ewro u sittin ewro centezmu [€34,940.60] ekwivalenti ghal hmistax-il elf lira Maltin [LM15,000];

---

[34] Vol.I – affidavit attrici [fol.27] u noti tal-konvenut [fols.33 u 72]
[35] Vol.II – fol.478 *et seq.*

[F] Il-fond numru <indirizz>, stmat erbgha u tletin elf, disa' mija u erbghin Ewro u sittin ewro centezmu [€34,940.60] ekwivalenti ghal hmistax-il elf lira Maltin [LM15,000];

[G] Il-fond <indirizz>, stmat sittax-il elf, tlett mija u hames ewro u wiehed u sittin ewro centezmu[€16,305.61] ekwivalenti ghal sebat elef liri Maltin [LM7,000];

*Mobbli*
[a] Kontijiet bankarji mal-Bank of Valletta

Hemm ukoll zewg kontijiet mal-HSBC fl-isem l-attrici ghan-nom tat-tfal minuri: il-kont 016147167051 u l-kont 016147167050.

[b] Fi kliem l-attrici "ghamara tad-dar li ghandha valur ta' LM4,000."[36]

[C] Zewg vetturi.

*Ftehim*
Illi permezz ta' verbal registrat mill-partijiet fl-udjenza tal-25 ta' Mejju 2004[37], fil-prezenza tad-difensuri taghhom, "il-partijiet qabblu" li l-konvenut jaghti lill-attrici s-somma ta' LM140,000 "<u>per saldo,</u> ghaliex il-partijiet lesti li ma jitloblux manteniment minghand xulxin."

In tema legali jigi osservat li huwa maghruf li verbal mizmum mir-Registratur bl-ordni tal-Qorti jorbot lill-kontendenti bis-sahha tal-kwazi kuntratt gudizzjali [*Vol.XXIX.I.768; Vol.XXXVII.I.99*]. Dan ifisser li *"il quasi contratto giudiziale non ha altro scopo se non quello di fissare il tema ed i limiti della controversia [XXVI.I.225]. in bazi ghall-massima in judiciis quasi contrahitur. [App.Inf.[PS] Co Farrugia vs Grezju Farrugia deciza 16.3.2005].*

Ghalhekk, fit-termini ta' l-imsemmi verbal, il-partijiet kienu rrizolvew il-kwistjonijiet patrimonjali <u>kollha</u> taghhom kif fuq

---

[36] Vol.1 – Nota. Fol.70
[37] Vol.III – fol.562 – sottolinear tal-Qorti.

indikat, kemm dawk rigwardanti l-immobbli kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-effetti mobbli; kif ukoll, bl-istess ftehim giet rizolta l-kwistjoni dwar il-manteniment. Dan il-ftehim jorbot liz-zewg partijiet fuq l-istregwa tal-massima legali pacta sunt servanda, b' mod li mhux permess ghal xi parti li unilateralment, tiddipartixxi minn dan il-ftehim jekk mhux bil-kunsens tal-parti l-ohra. Fl-istess udjenza l-Qorti ddeferiet il-kawza 'sine die'.

Illi permezz ta' nota kongunta prezentata fl-14 ta' Lulju 2007[38] iz-zewg partijiet informaw lill-Qorti "sar ftehim limitatament ghall-proprjeta' immobbli, fis-sens li d-dar matrimonjali, u precizament <indirizz> u l-garaxx adjacenti mad-dar matrimonjali ghandhom jittiehdu mill-konvenut C B, u l-bqija ghandhom jittiehdu mill-attrici."

Il-Qorti tosserva li l-effetti legali ta' din in-nota kongunta huma li jemendaw, limitatament ghat-termini tan-nota, it-termini tal-ftehim raggjunt mill-partijiet fl-udjenza precitata; u ghalhekk, salv dak sussegwentement miftiehem, il-ftehim tal-25 ta' Mejju 2005 ghadu jreggi ghall-kumplament tal-proprjeta' cioe' dik mobiljarja, inkluzi d-depoziti bankarji.

**Assenjazzjoni**

Ferm il-premess, u fuq dak li kienu ftehmu z-zewg partijiet, il-Qorti ser taghmel is-segwenti assenjazzjoni tal-proprjeta' tal-komunjoni.

Illi l-attrici tassenja lill-konvenut s-sehem kollu taghha fil-fond <indirizz>, inkluz il-garage adjacenti, b' mod li dan qed jigi jappartjeni lill-konvenut fl-intier tieghu; filwaqt li l-konvenut qed jassenja lill-attrici s-sehem tieghu kollu fil-fondi l-ohra kollha fuq indikati that il-partiti [B] sa [G], tal-valur komplessiv ta' mitejn erbgha u tmenin elf, mija tlieta u tmenin Ewro u hamsa u hamsin ewro centezmi [€284,183.55] ekwivalenti ghal mija tnejn u ghoxrin elf liri Maltin [LM122,000]; b' hekk l-attrici ghad fadlilha tiehu minghand il-konvenut is-somma ta' disgha u tletin elf hames mija disgha u disghin Ewro u hamsa u tletin ewro

[38] Vol.III – fol.751

centezmu [€39,599.35] ekwivalenti ghal sbatax-il elf liri Maltin [LM17,000] rapprezentanti l-bilanc rizultanti wara li mill-ammont pattwit ta' LM140,000 "per saldo" jigi dedott l-ammont ta' LM122,000, nieqes is-somma ta' elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin ewro centezmu [€2,329.37] ekwivalenti ghal elf liri Maltin [LM1,000] li l-attrici kienet giet awtorizzata tirtira mill-bank fl-udjenza tal-25 ta' Mejju 2004.[39]

Illi inoltre tordna li l-ammonti kollha li l-attrici gibdet mill-kontijiet bankarji wara l-imsemmija data tal-25 ta' Mejju 2004, ghandhom jitqiesu li ttiehdu akkont ta' l-imsemmi bilanc; hlief ghas-sommom rapprezentanti l-manteniment provvizorju bir-rata ta' LM270 fix-xahar zbankati fil-mori tal-proceduri skond id-digriet[40] moghti mill-Onorabbli Sekond' Awla tal-Qorti Civili, u rikonfermat bid-digriet ta' din il-Qorti moghti fis-6 ta' Awissu 2004.[41]

*Parafernali*
Illi fin-nota guramentata taghha l-attrici tghid f' dan ir-rigward li "ma tippretendi xejn."[42]

*Eccezzjonijiet preliminari*
Illi l-ewwel tlett eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut huma ta' natura procedurali. Jigi osservat li l-konvenut ma baqax jinsisti fuqhom matul il-proceduri.

Illi rigward l-ewwel eccezzjoni, jigi osservat li kawzali li fuqha l-attrici qeda tibbaza l-kawza taghha tinsab indikata fit-tieni premessa tac-citazzjoni.

Illi rigward it-tieni eccezzjoni, jigi osservat li din ma tinsabx sostnuta minn provi adegwati.

Illi rigward it-tielet eccezzjoni, jigi osservat li, kif jirrizulta mill-okkju tal-kawza, l-attrici qeda tagixxi unikament f' isimha proprju.

---

[39] Supra
[40] Vol.I – fol.8
[41] Vol.III – fol.582 tergo
[42] Vol.1 – fol.69

Ghaldaqstant dawn it-tlett eccezzjonijiet huma nfondati u qed jigu respinti.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, filwqat li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu nkompatibbli ma dak li ser jigi hawn taht deciz,:

[1] tilqa’ l-ewwel talba, u tordna s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija taghhom it-tnejn;

[2] tichad it-tieni talba; u, filwaqt li takkorda l-kura u kustodja tal-minuri lill-konvenut, tordna li rigward l-access ta’ l-attrici, jsir kif fuq stabbilit u ordnat that is-sezzjoni “Kura u Kustodja”;

[3] tichad it-tielet talba;

[4] tilqa’ r-raba’ talba fis-sens li tordna x-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, u li din tigi spartita bejn il-partijiet kif fuq stabbilit fis-sezzjoni “Komunjoni ta’ l-Akkwisti”;

[5] tilqa’ l-hames talba u tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha cioe’ ‘G’;

[6] tichad is-sitt talba;

[7] tilqa’ is-seba’ talba u tapplika fil-konfront taz-zewg partijiet id-dispost ta’ l-artikolu 48 tal-Kap.16 fl-intier tieghu;

L-ispejjez ghandhom jinqassmu wgwalment bejn iz-zewg partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------